MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 41/2010/1

**Anthony Cauchi u martu Gorgina Cauchi**

**v.**

**Vincent Zammit**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fis-6 ta’ April 2011 li biha cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

2. Ghal ahjar intendiment ta' dan l-appell is-sentenza tal-Ewwel Qorti sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha.

“Din hi kawza ta' spoll li tittratta zewg porzjonijiet art maghrufa ta' Wara s-Sur, limiti Victoria, Ghawdex. L-atturi ppremettew li huma proprjetarji ta' din ir-raba' u li fid-29 ta' April 2010 il-konvenut qabad u dahal fir-raba' bil-mohbi tal-atturi. Ghalhekk qeghdin jitolbu:-

“1. Dikjarazzjoni li l-konvenut wettaq spoll meta fid-29 ta' April 2010 dahal fir-raba in kwistjoni.

“2. Li l-konvenuti jigi kundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-qorti, jirreintegra lill-atturi fil-pussess.

“3. Li fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jiehdu r-raba' fuq imsemmija kif jiskadi t-terminu li tiffissa l-qorti.

“Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-28 ta' Mejju 2010 (fol. 16) il-konvenut wiegeb li:-

“1. M'hemmx l-elementi mehtiega sabiex tirnexxi azzjoni ta' spoll.

“2. L-art qeghda fil-pussess tal-attur b'titolu validu.

“L-elementi sabiex tirnexxi kawza bhal din huma:-

“1. Il-pussess;

“2. L-ispoll;

“3. Il-kawza trid issir fi zmien xahrejn minn meta jsehh l-ispoll;

“Kawza li tassigura li jinzamm l-ordni u hadd ma jiehu l-ligi b'idejh.

"Mill-provi rrizulta li l-atturi xtraw l-art oggett ta' din il-kawza minghand persuni differenti permezz ta' kuntratti tal-1 ta' Novembru 2005 (fol. 23), 1 ta' Novembru 2005 (fol. 27), u 7 ta' Dicembru 2005 (fol. 30), kollha pubblikati min-nutar Dr Paul George Pisani. Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni. L-art hi dik delinejata bil-kulur isfar fil-pjanta a fol. 52, bl-eccezzjoni ta' dik il-porzjon kulurita ahdar u li nxtrat mill-konvenut bil-kuntratt tat-23 ta' Marzu 2004 u f'liema kuntratt ma jissemmix li l-art li tikkonfina min-naha tal-punent u lvant hi mqabbla ghand il-konvenut (fol. 36). Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 l-attur xehed: *"F'din ir-raba' jiena qatt ma dhalt nahdem. Hallejtha kif inhi minn meta xtrajtha fis-sena elfejn u hamsa (2005). Hadd m'ghandu dritt jidhol fiha u hadd ma jidhol fiha."*. Jibda biex jinghad li sid jista' jaghmel kawza kontra persuna li tidhol minghajr jedd f'art li hi proprjeta tieghu. Il-fatt li sid ma jkunx qieghed personalment jew permezz ta' terz jahdem ir-raba' jew jaghmel xi uzu iehor minnha, ma jfissirx li ma jistax jipproponi u jirnexxi f'din it-tip ta' azzjoni possessorja. Il-ligi ma tillimitax din l-azzjoni biss ghal min ghandu l-pussess materjali tal-immobbli[1]. Tant hu hekk li l-istess provvediment jipprovdi li l-azzjoni ghandu dritt jaghmilha ***"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun,......."***. Provvediment li jfisser li kawza ta' spoll tista' ssir minn min min ghandu wkoll pussess ta' fatt tal-haga li minnha jippretendi li gie spoljat. Mehud in konsiderazzjoni dak li ser jinghad iktar 'il quddiem f'din is-sentenza, il-qorti m'ghandix dubju li l-attur bhala s-sid kellu d-disponibilita' tar-raba'. F'dan il-kuntest ukoll ghandu dritt li jipproponi azzjoni ta' din ix-xorta. Il-qorti taghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Joseph Aquilina nomine vs Lino Debono** deciza fl-4 ta' Dicembru 1998. F'dik il-kawza l-qorti rravizat il-pussess fis-sid ukoll meta inkwilin jabbanduna r-raba' mikrija; *".... f'dak il-mument il-pussess tar-raba rriverta f'idejn is-sid li akkwista mill-gdid id-disponibbilita' shiha tieghu."*.

[1] F'dan il-kuntest il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti (ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-17 ta' Marzu 2011).

"Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 il-konvenut xehed[2] li r-raba' oggett ta' din il-kawza qeghda mqabbla ghandu; *"Jiena f'din ir-raba' nidhol biex nahrat ir-raba' fis-sajf biex jistrieh."*. Fil-fehma tal-qorti l-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti li kien jikri r-raba' oggett ta' din il-kawza. Ghalkemm ipprezenta ricevuta ta' hlas ta' kera datata 27 ta' Frar 2000 mahruga minn Carmela Mizzi (fol. 104), din m'hijiex xi prova certa li qeghda tirreferi ghar-raba' in kwistjoni. Carmela Mizzi kienet sid ta' parti biss mir-raba' oggett ta' din il-kawza[3]. Inoltre jidher li Mizzi kellha raba' ohra fiz-zona maghrufa ta' Taht is-Sur. Sahansitra mistoqsi kemm kienet il-qbiela, wiegeb li kien nesa. Ghalkemm ipprezenta kopja tac-cedola ta' depozitu ta' kera numru 4/2006[4], din lanqas mhi xi prova certa li jgawdi kirja fuq l-art in kwistjoni[5]. Fic-cedola jinghad li l-qbiela tirreferi ghall-kirja ta' raba' maghrufa tal-Ghasafar, fil-limiti tar-Rabat, Ghawdex b'kejl ta' xi tlett itmiem. L-art oggett ta' din il-kawza hi maghrufa bhala ta' Taht is-Sur u fiha kejl ta' ftit iktar minn tomna.

"Sabiex jikkorabora l-verzjoni tieghu li ilu snin twal jahdem ir-raba' in kwistjoni, il-konvenut ressaq bhala xhud lil George Sultana. Fil-fehma tal-qorti dan ix-xhud ma kien xejn kredibbli u mill-atteggjament tieghu fuq il-pedana kien jidher li l-uniku skop li kellu kien li jghid dak li hemm bzonn biex jiddefendi u jipprotegi d-difiza tal-konvenut. Interessanti wkoll kif ix-xhud tela' fuq il-pedana u wara li nghata l-gurament beda jaghti l-verzjoni tieghu minghajr ma jsirulu d-domandi, u kien evidenti li gie preparat sew minn xi hadd dwar dak li ghandu jghid meta jidher il-qorti. Dan hu l-vantagg meta qorti tisma' x-xiehda *viva voce*. L-attur ressaq ukoll lil Teddy Zammit li kkonferma li jaf lill-attur jahdem ir-raba' in kwistjoni. Dwar dak li qal ix-xhud hemm konflitt meta tikkunsidra dak li xehedu Peter Paul u Maria Assunta konjugi Vella. Ghalkemm dawn tal-ahhar huma familjari tal-attur, dan il-fatt wahdu ma jistax iwassal

[2] Fol. 59-60.
[3] Fatt li jirrizulta mill-kuntratti esebiti mill-konvenut.
[4] Prezentata fid-9 ta' Frar 2006.
[5] Ic-cedola ta' depozitu gie prezentata f'isem il-konvenut u hutu Vincent, Michael u Carmel ahwa Zammit fil-konfront ta' Maria Stella Debrincat, Joseph Calleja u Carmen Mizzi.

lill-qorti sabiex tiskarta l-verzjoni taghhom u temmen il-verzjoni li ta Teddy Zammit.

“Il-verzjoni li ta l-pulizija li nvestiga l-kaz hi li meta tkellem mal-konvenut dan qallu: *“li l-ghalqa in kwistjoni kienet ilha fil-familja taghhom ghal madwar hamsin (50) sena. U li huh Guzeppi kien jahdimha.”* (fol. 55). Meta xehed, l-attur qatt ma semma li l-art kien jahdimha Guzeppi imma qal li l-art tinhadem minnu.

“Il-konvenut xehed: *“Qed jigi suggerit lili li fir-ritratti a fol. 8 jirrizulta li haxix hazin kont qed inqattgha dak in-nhar jien. Jiena nichad dan il-fatt. Dak int qed tghidu. Kont jien li gbart il-haxix li qtajt. Il-gimgha l-ohra mort u gbartu.”* (fol. 60). L-attur ipprezenta sitt ritratti tal-konvenut jaqta’ l-haxix bit-tractor fid-29 ta’ April 2010. Mill-provi rrizulta li dawn ir-ritratti ttiehdu minn ohtu Maria Assunta Vella (fol. 81). Il-qorti m’ghandix dubju li l-haxix li jidher qieghed jaqta’ l-konvenut fir-ritratti esebiti mill-attur m’huma xejn ghajr haxix hazin, u mhux kif xehed “zergha”. Ir-ritratti stess igiddbu lill-konvenut. Mario Grech li xehed fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2010 (fol. 94) u li ghandu proprjeta li tikkonfina mir-raba’ in kwistjoni kien xehed: *“Xi seba’ (7) jew tmien (8) xhur ilu jiena kont rajt lil Zammit jahdem l-ghelieqi ta’ taht il-proprjeta tieghi. Kien qieghed ihaddem it-tractor.* ***Jidhirli illi qabel kien hemm il-haxix isfar.****”* (fol. 94).

“Fil-fehma tal-qorti l-unika prova li jista’ jipprova jiggranfa maghha l-konvenut hi x-xiehda ta’ Carmel Theuma, ufficjal mad-Dipartiment tal-Agrikoltura li kkonferma li fis-sena 2003 mart il-konvenut (Josephine Zammit) kienet irregistrat l-art in kwistjoni mad-Dipartiment. Madankollu l-qorti m’hijiex tal-fehma li din il-prova hi bizzejjed biex il-konvenut jikkonvinci lill-qorti li r-raba’ in kwistjoni kienet fil-pussess tieghu meta fid-29 ta’ April 2010 dahal bit-tractor tieghu u beda jaqta’ l-haxix hazin. Mhux l-ewwel darba li tiltaqa’ ma kazijiet fejn persuna tirregistra art li ma jkollha ebda jedd fuqha. Jidher li l-ghan ghar-registrazzjoni tar-raba’ mad-Dipartiment tal-Agrikoltura hu sabiex il-bidwi jkun jista’ jircievi ghajnuna finanzjarja minghand l-Agenzija ghall-Pagamenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u

Affarijiet Rurali u li tinghata mill-Unjoni Ewropeja. Ma tressqet l-ebda prova li nghatat xi ghajnuna simili lill-mart il-konvenut fuq l-art in kwistjoni.

“Il-qorti hi tal-fehma li r-raba’ kienet fi stat ta’ abbandun. Ghalhekk ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss il-konvenut kien f’xi zmien qieghed igawdi l-art, hu telaqha u halliha sakemm rega’ bdielu. Ukoll waqt is-smiegh tal-provi kien evidenti kemm l-attur hu attent ghal dak li qieghed jigri fl-inhawi fejn xtara r-raba’ fl-2005. M’huwiex verosimili li jekk kif qal il-konvenut kien qieghed jahdem ir-raba’ regolarment il-kwistjoni bejn il-kontendenti kienet ser tfaqqa’ fid-29 ta’ April 2010.

“Il-qorti m’hijiex moralment konvinta li meta fid-29 ta’ April 2010 il-konvenut dahal fir-raba’ in kwistjoni, il-pussess materjali kien f’idejh. Ghalhekk il-konvenut wettaq spoll meta dahal fir-raba’ u qata’ l-haxix hazin minn wara dahar l-attur. Sabiex l-ispoll ikun vjolenti m’hemmx ghalfejn ikollok il-vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna, imma hu bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga li tavvera ruhha jekk l-att ikun sar minghajr il-kunsens tas-sid.

“Ghal dak li hu terminu m’hemmx dubju li l-kawza saret fi zmien xahrejn. Fil-fatt irrizulta li x-xoghol fir-raba’ sar fid-29 ta’ April 2010 filwaqt li l-kawza giet prezentata fit-13 ta’ Mejju 2010.

**“Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet tal-attur. Ghal finijiet tat-tieni u tielet talba:-**

**“1. Tiffissa terminu ta’ tletin (30) jum sabiex il-konvenut jerga’ jrodd lura l-art lill-atturi.**

**“2. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi biex jidhlu lura fl-art in kwistjoni, cjoe’ dik murija fil-pjanta Dok. AC8 a fol. 52 u delinejata bil-kulur isfar, mhux inkluza l-parti kulurita b’lewn ahdar.**

**“Spejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-30 ta’ April 2010, huma a karigu tal-konvenut.”**

**L-appell tal-konvenut**

3. Illi l-konvenut hassu aggravat b’din is-sentenza surreferita u interpona dan l-appell permezz ta’ rikors datat 26 ta’ April 2011. L-aggravji tal-konvenut fil-qosor huma s-segwenti:

i. Fl-ewwel lok huwa jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament u evalwazzjoni hazina tal-provi prodotti quddiemha u dan partikolarment fir-rigward tal-prova ta’ min kellu pussess tal-art qabel l-allegat spoll.

ii. Fit-tieni lok l-appellant jissottometti li ghalkemm l-atturi seta’ kellhom il-pussess legali, huwa qatt ma kellhom il-pussess fiziku u fattwali tar-raba inkwistjoni biex tirnexxi l-azzjoni proposta minnhom.

iii. Fit-tielet lok huwa ma qabilx mal-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti li anke kieku stess huwa kellu titolu ta’ qbiela, din il-qbiela illum giet terminata peress li l-istess raba gie abbandunat mill-familja tieghu.

**Ir-Risposta tal-atturi**

4. L-atturi rrispondew billi qalu li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u li m’hemm xejn x’wiehed jilmenta mill-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti. Huma jsostnu illi l-art li kien jahdem l-appellant ta’ cirka seba’ kejliet u maghrufa bhala “Ta’ wara s-Sur” m’ghandha x’taqsam xejn ma’ l-art inkwistjoni, salv ghall-fatt li dawn imissu ma’ xulxin.

**Fatti tal-kawza**

5. Illi jirrizulta illi bis-sahha ta’ tliet kuntratti datati tnejn minnhom fl-1 ta’ Novembru 2005 u iehor tas-7 ta’ Dicembru 2005, l-atturi xtraw minghand persuni differenti porzjonijiet ta’ raba kif delinejati bil-kulur isfar fil-pjanta esebita a fol. 52 tal-process. Da parti tieghu l-konvenut,

permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Marzu 2004 xtara porzjon raba li tinsab f'nofs ir-raba li sussegwentement akkwistaw l-atturi, liema raba tal- konvenut hija mmarkata bil-kulur ahdar fil-pjanta a fol. 52.

6. Illi dwar dawn il-fatti m'hemmx kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni tezisti fir-rigward ta' min kien fil-pussess fattwali tal-art delinejata bl-isfar, eskluza l-parti l-hadra, fuq il-pjanta esebita a fol. 52. Filwaqt li l-konvenut jghid li din kienet imqabbla ghand il-familja tieghu, l-atturi jsostnu li huma kienu l-pussessuri fattwali u legali tal-istess raba, u li l-konvenut ma kellu l-ebda titolu validu fuq l-istess.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Illi din il-vertenza trid tigi deciza wara li jigi stabbilit jekk fil-fatt l-appellant kellux pussess *o meno* tar-raba inkwistjoni meta gie kommess l-allegat spoll.

8. Illi x-xhieda prodotta mill-partijiet hija wahda konfliggenti ghall-ahhar, ghaliex fil-waqt li x-xhieda prodotti mill-atturi jghidu li qatt ma raw lill-konvenut fil-porzjon raba inkwistjoni, ix-xhieda prodotti mill-konvenut isostnu li matul is-snin huma raw lill-konvenut kemm-il darba fl-istess porzjon raba, jahsad u jahrat.

9. Illi ghalkemm din il-Qorti, bhala regola, tkun dejjem riluttanti li terga' taghmel apprezzament tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, thoss li f'dawn ic-cirkostanzi, huwa necessarju li terga' tifli l-provi processwali biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

10. Da parti taghhom l-appellati ipproducew bhala xhieda lill-awtrici taghhom u cioe` Carmela Mizzi li ddikjarat li kienet tikri l-porzjon raba inkwistjoni lil missier l-appellant u meta dan miet bdiet tikriha anke lill-appellant. Madankollu hi ssostni li kienet tikrilhom l-istess raba minn sena ghal sena. L-istess xhud tghid illi l-appellant kien wera interess li jixtriha hu pero` fl-2005 iddecidiet li tbieghha lill-appellati.

11. Lawrence Borg, hu Carmela Mizzi, jikkonferma li r-raba inkwistjoni kienet mikrija minghand ohtu lill-appellant. Ix-xhud Peter Paul Vella, li jigi r-ragel ta' oht l-appellat, xehed li lill-appellant qatt ma rah fir-raba inkwistjoni. Il-mara tieghu, Maria Assunta Vella, oht l-appellat, xehdet li lill-appellant qatt ma ratu jahdem ir-raba *de quo*. Din il-Qorti tirrileva illi l-konjugi Peter Paul u Marisa Assunta Vella, barra r-rabta familjari ma' l-appellati, ghandhom ukoll kawza ta' spoll kontra l-istess appellant.

12. L-appellant, da parti tieghu stqarr illi r-raba delineata bl-isfar kienet imqabbla ghandu u spjega b'liema mod huwa jikkoltiva l-istess raba u cioe` kien jikkoltiva maghlef ghall-annimali. Hu spjega li ma kienx jiftakar kemm kienet il-qbiela pero` jaf li kien iddepozita l-istess permezz ta' cedoli fil-Qorti. L-appellant ipproduca wkoll lil Teddy Zammit li xehed li hu dejjem ra lill-appellant fir-raba inkwisjtoni. Huwa jiddeskrivi din ir-raba bhala "tlett hbula". Gie prodott ukoll certu Mario Grech, li ghandu raba adjacenti ghall-art inkwisjtoni, li xehed li xi snin qabel ried jaghmel hajt divizorju bejn l-art tieghu u r-raba inkwistjoni u ftehem ma' l-attur pero` l-appellant kien ghamel xi pretensjonijiet rigward l-istess raba u x-xhud kien ceda ghalihom peress li x-xoghol li ried jaghmel kien mghaggel. Gie prodott ukoll George Sultana, li dwaru inqalghet kontroversja dwar il-mod kif xehed stante li, skont l-appellati kif ukoll skont l-Ewwel Qorti, dan kien beda jiddeponi minghajr ma kienu ghadhom sarulu l-mistoqsijiet. L-istess xhud qal li ilu jaf lill-appellant jahrat ir-raba in kwistjoni ghal dawn l-ahhar hamsa u tletin (35) sena meta missieru xtralu mohriet.

13. Fl-ahharnett gie prodott Carmel Theuma, Principal Officer fid-Dipartiment tal-Agrikoltura f'Ghawdex, li xehed li ghalkemm kellu dokumenti li juru li fis-sena 2003 kien hemm talba ghar-registrazzjoni tal-art inkwistjoni da parti ta' Josephine Zammit, mart l-appellant, ghal xi raguni din ma rrizultatx mis-sistema tal-*computer* meta mar biex jirregistra l-istess bicca art l-appellat Cauchi, bil-konsegwenza illi llum il-gurnata l-istess porzjon ta' raba tinsab registrata f'isem l-appellat biss.

14. Illi abbazi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi r-raba inkwisjtoni ma kienx fil-fatt bi qbiela ghand l-appellant. L-Ewwel Qorti rrilevat ukoll illi l-fatt li mart l-appellant kienet irregistrat l-art mad-Dipartiment tal-Agrikoltura mhix prova sodisfacenti li r-raba inkwistjoni kien fil-pussess tieghu fid-29 ta' April 2010 meta dahal bit-*tractor*. L-istess Qorti espremiet il-fehma li r-raba kien fi stat ta' abbandun u li ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, l-appellant kien qieghed igawdi l-istess art, hu telaqha u halliha sakemm rega' bdielu.

15. Illi din il-Qorti, wara li regghet gharblet sew il-provi kollha migjuba quddiem l-Ewwel Qorti, sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-aggravji mressqa mill-appellant, u cioe`:-

16. **Fir-rigward tal-ewwel aggravju**, u cioe` illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, din il-Qorti tasal biex taqbel mal-appellant. Illi kif jghid sew l-appellant, l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni ghala ghazlet li temmen il-verzjoni tal-familjari tal-appellati u mhux lix-xhieda indipendenti li pproduca l-appellant. Anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, wiehed kellu jiskarta x-xhieda ta' George Sultana, liema xhud din il-Qorti certament ma kellhiex l-opportunita` li tisma' *di persona*, xorta wahda mill-assjem tal-provi din il-Qorti hija tal-fehma illi dak li kien qed isostni l-appellant ghandu mis-sewwa. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni abbazi tas-segwenti fatti:-

a. Illi l-istess Carmela Mizzi tiddikjara fl-affidavit taghha illi l-istess raba kien imqabbel lil missier l-appellant u sussegwentement lill-istess appellant. Xhieda ta' dan huma r-ricevuti esebiti mill-istess appellat[6] u mill-appellant[7]. Ix-xhieda tal-istess Mizzi jidher li giet injorata mill-Ewwel Qorti pero` minghajr ma nghatat l-ebda raguni valida;

[6] Dok AC5 a fol. 39
[7] Dok X a fol.104

b. Illi oht l-appellat u r-ragel taghha kellhom kawza ta' spoll kontra l-istess appellant, u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi ma setghux ikunu oggettivi fix-xhieda taghhom, anzi bil-kontra;

c. Illi x-xhud Teddy Zammit jafferma li fil-bicciet raba inkwisjtoni kien jara biss lill-appellant, liema fatt ma giex kontradett fil-kontro-ezami kondott mid-difensur tal-appellati. Din ix-xhieda giet skartata mill-Ewwel Qorti semplicement ghax kienet konfliggenti ma' dik ta' Peter Paul u Maria Assunta konjugi Vella. Din il-Qorti thoss li meta xhieda tkun hekk konfliggenti, l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti jrid imur oltre minn dak li xehdu l-istess persuni u ghalhekk, ghar-ragunijiet moghtija fil-paragrafu precedenti, tqis li l-verzjoni tal-istess Zammit hija aktar plawsibbli;

d. Illi x-xhud Mario Grech jispjega li kellu jiftiehem mal-istess appellant rigward hajt divizorju li ried jaghmel bejn il-proprjeta` tieghu u l-appellati, ghalkemm precedentement kien kellem ukoll lill-appellat;

e. Illi fl-2003 jirrizulta li kienet saret talba ghar-registrazzjoni tal-istess raba da parti ta' mart l-appellant. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-opinjoni espressa mill-Ewwel Qorti dwar il-ghan ghala l-imsemmija art giet registrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Fil-fatt, kif qalet l-Ewwel Qorti, ma tressqet l-ebda prova li nghatat xi ghajnuna da parti tal-istess Dipartiment lil mart l-appellant fuq ir-raba inkwistjoni u ghalhekk l-assunzjoni li gibdet l-Ewwel Qorti ma tirrizultax mill-provi;

f. Illi l-ewwel Qorti qalet ukoll illi ma kienx hemm prova certa li l-qbiela li jivvanta l-appellant kienet fuq ir-raba inkwistjoni, u dan ghaliex, fost affarijiet ohra, fic-cedola ta'

depozitu jindika r-raba bhala "Tal-Ghasafar", fil-limiti tar-Rabat, Ghawdex b'kejl ta' tlett itmiem, mentri l-art inkwistjoni hija maghrufa bhala "Taht is-Sur" u fiha ftit iktar minn tomna. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' Carmela Mizzi, l-awtrici tal-appellati, fejn hi stess iddikjarat illi l-istess raba kienet taghtu bi qbiela lill-familja tal-appellant u ghal-liema raba wiehed kien jidhol ghalih mis-sqaq tal-Ghasafar. Iktar minn hekk hi stess tghid fl-affidavit taghha *"Din il-bicca raba li kien jikri Zammit kont bieghta wkoll lil Anthony u Georgina Cauchi ghaliex Censu Zammit ma kienx interessat."*[8] Ghalhekk ma jista' jinholoq l-ebda dubju li l-art inkwistjoni hija dik li l-appellant kellu qbiela fuqha.

Ghaldaqstant, wara li din il-Qorti qieset dan kollu, tasal ghall-konkluzzjoni illi certament l-appellant ma kienx dahal fir-raba inkwistjoni l-ewwel darba fid-29 ta' April 2010.

L-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh.

21. Illi permezz tat-**tieni aggravju tieghu** l-appellant jghid li l-atturi qatt ma kellhom il-pussess fiziku tal-istess raba, u ghalhekk ma setghu qatt jirnexxu f'din il-kawza. Huwa jattribwixxi dan in-nuqqas ta' pussess billi li, skont hu, l-atturi qatt ma dahlu fl-imsemmija raba wara li xtrawha. L-appellati, filwaqt li jammettu li l-appellant kien jahdem bicca art ohra maghrufa "Ta' Wara s-Sur", din l-art ma kellha x'taqsam xejn mal-art *de quo* u ghalhekk huma kellhom il-pussess shih taghha.

22. Illi kif kellha l-okkazzjoni tirrileva aktar 'il fuq, din il-Qorti hija tal-opinjoni illi r-raba inkwistjoni kien imqabbel lill-appellant u precedentement lil missieru. Ghalhekk l-pussess materjali tal-istess raba kien f'idejh, u dan kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-Ewwel Qorti. Illi ghaldaqstant billi l-appellant ghandu favurih titolu validu fil-ligi biex jokkupa l-imsemmija art, l-appellati ma setghux jirnexxu fl-azzjoni intavolata kontrih.

---
[8] A fol. 44

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi milqugh ukoll.

24. Illi permezz tat-**tielet aggravju**, l-appellant jilmenta li ma qabilx ma' dak li sostniet l-Ewwel Qorti illi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument kienet tezisti qbiela favur il-familja tieghu, l-istess kienet giet terminata peress li l-art kienet thalliet abbandunata. Din il-Qorti ssib li hawn l-appellant ghandu ragun.
25. Illi din hija kawza ta' spoll fejn l-ghan taghha huwa li dak li jigi spussessat jigi reintegrat fid-drittijiet tieghu. Illi pero` dak li effettivament ghamlet l-Ewwel Qorti kien li ddecidiet kwistjoni ta' terminazzjoni ta' qbiela meta l-kawzali li kellha quddiemha kienu ohrajn. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Ewwel Qorti m'hijiex korretta inkwantu dahlet f'materja li ma kienitx fil-kompetenza taghha, inkwantu gurisdizzjoni, li tiddeciedi dwarha.

26. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju qieghed jigi milqugh.

**Decide**

27. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha tilqa' l-appell interpost mill-appellant u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------